MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 166/2010

**Il-kumpannija Dhalia Real Estate Services Limited (C 22364)**

**-vs-**

**Il-kumpannija PDK Developments Limited (C 31831) u Patrick Vella (ID 106067M)**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors mahluf li jaqra hekk -

*(1) Illi l-kumpannija rikorrenti giet inkarigata mill-intimati sabiex, bhala agent tal-proprjeta', issibilhom il-bejgh ta' mezzanin b'garaxx tahtu li jinsab fi Triq San Mikiel, kantuniera ma' Triq San Guzepp, Mellieha ;*

*(2) Illi wara li l-kumpannija rikorrenti sabiex xerrejja prospettivi li lahqu ftehim ma' l-intimati ghall-akkwist tal-*

*proprjeta', fl-24 ta' Novembru 2008 gie ffirmat il-konvenju relattiv u kif ukoll skrittura privata bejn il-kumpannija rikorrenti u l-intimati li tkopri l-commission fees dovuti lill-kumpannija rikorrenti, kopja ta' liema hija hawn annessa bhala 'Dokument DH1' ;*

*(3) Illi fl-imsemmi ftehim, l-intimati obbligaw ruhhom li jhallsu lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta' sittax-il elf u mitejn euro (€16,200) fil-kaz li l-bejgh prospettat isehh ;*

*(4) Illi di fatti l-bejgh tal-proprjeta' mill-kumpannija intimata lill-konjugi Joseph u Anna Debattista sehh permezz ta' att ippubblikat min-Nutar Vanessa Pool fit-22 ta' Ottubru 2009 ;*

*(5) Illi l-intimati naqsu milli jhallsu lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta' sittax-il elf u mitejn euro (€16,200) bhala commission fees minnhom dovuta ghall-bejgh tal-proprjeta' ;*

*(6) Illi minkejja l-fatt li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-imsemmija somma huma baqghet inadempjenti u ghalhekk is-somma ta' sittax-il elf u mitejn euro (€16,200) ghadha dovuta lill-kumpannija rikorrenti ;*

*(7) Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex dina l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), stante li dan il-kreditu ta' sittax-il elf u mitejn euro (€16,200) huwa dejn cert, likwidu u li ghalaq u fil-fehma tal-kumpannija rikorrenti, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont ;*

*(8) Illi Damian Galea u Reuben Chircop St. John ghan-nom tal-kumpannija rikorrenti, jafu b'dawn il-fatti kollha personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, jghidu l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

*(1) Tilqa' t-talba tal-kumpannija rikorrenti u taghti sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) ;*

*(2) Tiddikjara lill-intimati 'in solidum' bejniethom bhala veri, certi u likwidi debituri tal-kumpannija rikorrenti ghas-somma ta' sittax-il elf u mitejn euro (€16,200) ;*

*(3) Tikkundanna lill-intimati sabiex minnufih ihallsu lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta' sittax-il elf u mitejn euro (€16,200), bl-imghaxijiet kummercjali mit-22 ta' Ottubru 2009 sal-pagament effettiv ;*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija rikorrenti u d-dokument anness.

**Rat** li l-intimata PDK Developments Limited kienet debitament notifikata skond il-ligi (tergo ta' fol 26).

**Rat** li fl-udjenza tal-lum, l-Avukat Dottor Paul Farrugia accetta n-notifika tal-atti ghan-nom tal-intimat Patrick Vella.

**Semghet** lill-partijiet fl-istess udjenza jaqblu li l-mertu kien ezawrit stante pagament tas-sorte fil-mori tal-kawza ghalkemm baqa' mpregudikat il-kap tal-ispejjez.

**Rat** in-nota presentata fl-udjenza tal-lum li permezz taghha l-intimati ammettew il-kap tal-ispejjez.

**Ghalhekk u ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi -**

**<u>Fl-ewwel lok</u> tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici ;**

**<u>Fit-tieni lok</u> tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu *in solidum* bejniethom l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------